Nru./No. 21,585
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 11 ta' Frar, 2026
Wednesday, 11th February, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 1545
Government Notices *1545*

Avviżi tal-Pulizija 1546
Police Notices *1546*

Avviżi tal-Qorti ..... 1546 - 1548
Court Notices ..... *1546 - 1548*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 182

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Kummissjoni tal-Ippjanar

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 620 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' April, 2025, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, skont l-artikolu 65(2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (2016), b'din jgħarraf illi, b'effett immedjat, il-Perit Andrew Psaila se jservi bħala membru tal-Kummissjoni tal-Ippjanar fi ħdan iż-Żona tal-Iżvilupp, bl-esklużjoni ta' Żoni ta' Prijorità Residenzjali, Żoni Industrijali, Żoni ta' Konservazzjoni Urbana u Żona tal-Iżvilupp f'Għawdex, minflok il-Perit Anthony Camilleri.

Il-ħatra tal-Perit Andrew Psaila tibqa' valida sal-20 ta' April, 2029.

Il-11 ta' Frar, 2026

Nru. 183

BORD GĦAR-REVIŻJONI TAL-GĦOTJIET

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Finanzi fuq il-parir tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal (MSPC), ħatar lil dawn il-persuni fuq il-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet kif ġejjin skont l-Iskemi ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tal-25 ta' April, 2025:

Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet (MSPC)

Chairperson
Is-Sur Anton Cesare

Membri
Is-Sur Joseph M. Saliba
Is-Sur Charles Cilia

Segretarju
Is-Sur Martin Buhagiar

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' sena b'seħħ mis-6 ta' Frar, 2026.

Il-11 ta' Frar, 2026

GOVERNMENT NOTICES

No. 182

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Planning Commission

WITH reference to Government Notice No. 620 published in the Governemnt Gazette of 21st April, 2025, the Minister for Gozo and Planning, in terms of article 65(2) of the Development Planning Act (2016), hereby notifies that, with immediate effect, Perit Andrew Psaila shall serve as a member of the Planning Commission within the Development Scheme, excluding Residential Priority Areas, Industrial Areas, Urban Conservation Areas, and the Gozo within Development Scheme, replacing Perit Anthony Camilleri.

The appointment of Perit Andrew Psaila shall remain valid until 20th April, 2029.

11th February, 2026

No. 183

GRANT REVIEW BOARD

IT is notified for general information that the Minister for Finance on the recommendation of the Ministry for Social Policy and Children's Rights (MSPC) has appointed these persons on the following Grant Review Board to Schemes published in the Malta Government Gazette of 25th April, 2025:

Grant Review Board (MSPC)

Chairperson
Mr Anton Cesare

Members
Mr Joseph M. Saliba
Mr Charles Cilia

Secretary
Mr Martin Buhagiar

These appointments are valid for a period of one year with effect from 6th February, 2026.

11th February, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 31

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar, 2026, mis-7.00 a.m. sas-1.30 p.m., minn Pjazza tal-Madonna Medjatriċi.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Frar, 2026

POLICE NOTICE

No. 31

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 15th February, 2026, from 7.00 a.m. to 1.30 p.m., through Pjazza tal-Madonna Medjatriċi.

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

11th February, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

353

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-31 ta' Ottubru, 2025, Rikors numru 414/2019/2, minn Mary Grace Pulis et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Grace Pulis, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Beverly Falzon, Donalise Pulis, Neville Pulis u Gaynor Pulis ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Paul Pulis, żewġ Mary Grace Pulis née Magro, bin il-mejtin Guzeppi Pulis u Michelina née Grech, imwieled Ħaż-Żabbar, Malta, kien residenti Ħaż-Żabbar, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-17 ta' Ġunju, 2025, ta' 66 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0111959M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 31st October, 2025, Application number 414/2019/2, by Mary Grace Pulis et whereby they requested that it be declared open in favour of Mary Grace Pulis, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Beverly Falzon, Donalise Pulis, Neville Pulis and Gaynor Pulis children of the decujus in equal shares between them the succession of Paul Pulis, husband of Mary Grace Pulis née Magro, son of the late Guzeppi Pulis and Michelina née Grech, born in Ħaż-Żabbar, Malta, resided in Ħaż-Żabbar, Malta, and died in Msida, Malta, on the 17th June, 2025, aged 66, and who held identity card number 0111959M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

354

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-14 ta' Jannar, 2026, Rikors numru 36/2026, minn Paul Cirillo et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Paul Cirillo u Mariella Gatt ħut id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Charles Cirillo, armel ta' Ljudmila Cirillo née Zaverjuha, bin John Cirillo u Evelyn née Cilia, imwieled Tas-Sliema, Malta, kien residenti l-Ħamrun, Malta, u miet il-Ħamrun, Malta, fit-2 ta' Ottubru, 2025, ta' 73 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0840451M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th January, 2026, Application number 36/2026, by Paul Cirillo et whereby they requested that it be declared open in favour of Paul Cirillo and Mariella Gatt brother and sister of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Charles Cirillo, widower of Lyudmila Cirillo née Zaverjuha, son of John Cirillo and Evelyn née Cilia, born in Tas-Sliema, Malta, resided in Ħamrun, Malta, and died in Ħamrun, Malta, on the 2nd October, 2025, aged 73, and who held identity card number 0840451M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

355

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-17 ta' Lulju, 2025, Rikors numru 611/2025, minn Ian Portelli et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Ian Portelli, Bridget Muscat u Dorianne Mifsud ulied id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Peter Portelli, legalment separat minn Rita Portelli née Formosa, bin il-mejtin Anglu Portelli u Dolores née Baldacchino, imwieled il-Ħamrun, Malta, u kien residenti l-Mellieħa, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-20 ta' Frar, 2025, ta' 82 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0574942M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 17th July, 2025, Application number 611/2025, by Ian Portelli et whereby they requested that it be declared open in favour of Ian Portelli, Bridget Muscat and Dorianne Mifsud, children of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Peter Portelli, legally separated from Rita Portelli née Formosa, son of the late Anglu Portelli and Dolores née Baldacchino, born in Ħamrun, Malta, resided in Mellieħa, Malta, and died in Msida, Malta, on the 20th February, 2025, aged 82, and who held identity card number 0574942M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

356

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 1075/2025, minn Ruth Mouawad Dougall née Dougall et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Ruth Mouawad Dougall, Carol Muscat Dougall u Alan Dougall ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Mary Dougall née Faure, armla ta' Giuzeppi Dougall, bint il-mejtin George Faure u Theresa née Barbara, imwielda Ħal Tarxien, Malta, kienet residenti Paola, Malta u mietet l-Imsida, Malta, fis-26 ta' Mejju, 2025, ta' 69 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0929546M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th November, 2025, Application number 1075/2025, by Ruth Mouawad Dougall née Dougall et whereby they requested that it be declared open in favour of Ruth Mouawad Dougall, Carol Muscat Dougall and Alan Dougall children of the decujus in equal shares between them the succession of Mary Dougall née Faure, widow of Giuzeppi Dougall, daughter of the late George Faure and Theresa née Barbara, born in Ħal Tarxien, Malta, resided in Paola, Malta, and died in Msida, Malta, on the 26th May, 2025, aged 69, and who held identity card number 0929546M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

357

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-31 ta' Ottubru, 2025, Rikors numru 1023/2025, minn Rosaria Debattista et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rosaria Debattista u Rita Debattista ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Mario Debattista, iben il-mejtin Anthony Debattista u Josephine Debattista née Micallef, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti l-Ħamrun, Malta, u miet il-Ħamrun, Malta, fid-19 ta'Mejju 2025 ta' 71 sena u li kellu karta tal-identità numru 0784253M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 31st October, 2025, Application number 1023/2025, by Rosaria Debattista et, whereby they requested that it be declared open in favour of Rosaria Debattista and Rita Debattista sisters of the decujus in equal shares between them the succession of Mario Debattista, son of the late Anthony Debattista and Josephine Debattista née Micallef, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Ħamrun, Malta, and died in Ħamrun, Malta, on the 19th May, 2025, aged 71, and who held identity card number 0784253M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603